



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 5 ta' Frar 2021
(OR. en)

5932/21

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0295(COD)

COMER 9
CONOP 3
CFSP/PESC 101
ECO 16
UD 36
ATO 8
COARM 14

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	4 ta' Frar 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 42 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 428/2009 li jistabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 42 final.

Mehmuż: COM(2021) 42 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.2.2021
COM(2021) 42 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 428/2009 li jistabbilixxi reġim
Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-
tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju**

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 428/2009 li jistabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju

1. INTRODUZZJONI

L-Artikolu 23(3) tar-Regolament (KE) Nru 428/2009 (“ir-Regolament”) jeżiġi li l-Kummissjoni tippreżenta rapport annwali lill-Parlament Ewropew dwar “l-attivitajiet, l-eżaminazzjonijiet u l-konsultazzjonijiet tal-Grupp ta' Koordinazzjoni dwar l-Użu Doppju (DUCG)”. L-Artikolu 25(2) tar-Regolament (KE) Nru 428/2009 jeżiġi wkoll li, kull tliet snin, il-Kummissjoni tippreżenta “rapport komprensiv dwar l-implimentazzjoni u l-valutazzjoni tal-impatt” lill-Kunsill u lill-Parlament. L-Artikolu 25(3) jistipula li taqsimiet speċjali tar-rapport għandhom jitrattaw l-attivitajiet tal-Grupp ta' Koordinazzjoni dwar l-Użu Doppju (DUCG), l-introduzzjoni ta' sistema sigura u kriptata għall-iskambju tal-informazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni, kif ukoll l-implimentazzjoni tal-Artikolu 15(1) u (2) rigward l-aġġornamenti tal-listi ta' kontroll nazzjonali u l-Artikolu 24 dwar pieni nazzjonali f'każ ta' ksur tar-Regolament. Fid-dawl ta' dan, il-Kummissjoni bdiet tippubblika rapporti annwali dwar il-kontroll tal-esportazzjoni fl-2013 u rrikonoxxiet, fil-Komunikazzjoni tagħha tal-2014 dwar “Ir-rieżami tal-politika ta' kontroll tal-esportazzjoni”¹, li l-pubblikazzjoni ta' rapporti u informazzjoni ta' kontroll mhux sensittiva, lil hinn mir-rekwiżiti speċifiċi tal-Artikoli 15, 23(3), 25(3) u 24, kien pass kritiku għat-titjib tat-trasparenza kif ukoll tal-konformità tal-operaturi u tal-kapaċità tagħhom li jimplementaw il-kontrolli.

Dan ir-rapport, imħejji mill-Kummissjoni bil-kontribut ta' Stati Membri² fid-DUCG, jipprovdi tagħrif dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament fl-2019, u jinkludi *data* aggregata dwar il-kontroll tal-esportazzjoni għall-2018.

2. EVOLUZZJONI TAL-QAFAS POLITIKU U REGULATORJU

2.1 Analiżi tal-politika tal-kontroll tal-esportazzjoni

Il-proċess leġiżlattiv għall-immodernizzar tal-kontrolli tal-esportazzjoni tal-UE, li beda fl-2016³, mexxa 'l quddiem sew fl-2019 meta l-Kunsill adotta mandat għal negozjati mal-Parlament Ewropew f'Ġunju 2019, u meta bdew in-negozjati fit-trilogu bejn il-koleġiżlaturi fil-ħarifa. Il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni għamlu żewġ laqgħat ta' negozjati fi trilogu f'Ottubru u Novembru 2019.

Matul l-2019, il-Kummissjoni wettqet serje ta' konsultazzjonijiet u outreach immirati għall-partijiet ikkonċernati ewlenin tal-industrija u tas-soċjetà ċivili. B'mod partikolari, fit-13 ta' Diċembru 2019 ġie organizzat Forum dwar il-Kontroll tal-Esportazzjoni b'mod konġunt mal-

¹ COM(2014) 244 final tal-24.4.2014.

² L-awtoritajiet kompetenti ta' xi Stati Membri jirrapportaw pubblikament ukoll dwar il-kummerċ ta' oġġetti b'użu doppju.

³ Il-proposta tal-Kummissjoni għal regolament COM(2016) 616 hija disponibbli fuq <http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?qid=1476175365847&uri=CELEX:52016PC0616>

Presidenza Finlandiża tal-Kunsill tal-UE, biex jiġu skambjati fehmiet mal-partijiet ikkonċernati tal-industrija u tas-soċjetà ċivili⁴.

2.2 Emendi għar-Regolament (KE) Nru 428/2009

Aġġornament tal-2019 għal-lista ta' kontroll tal-UE

Il-lista ta' Kontroll tal-UE fl-Anness I tar-Regolament ġiet emendata darba tul il-perjodu ta' rapportar, sabiex tiġi aġġornata l-lista ta' oġġetti b'użu doppju soġġetti għal kontroll. Din l-emenda⁵ kienet tinkorpora aktar minn 300 modifika li ġew maqbula fir-reġimi multilaterali għall-kontroll tal-esportazzjonijiet fl-2018 (fil-biċċa l-kbira minn emendi maqbula fil-Plenarja tal-2018 tal-Ftehim ta' Wassenaar, u ħafna minnhom editorjali). L-Annessi II u IV tar-Regolament ġew aġġornati wkoll skont l-emendi għall-Anness I.

Il-lista ta' kontroll tal-UE tal-2019 b'mod partikolari introduċiet kontrolli ġodda fuq ċerti tranżistors tal-microwave diskreti (3A001b3f), ġeneraturi tas-sinjali b'"wisa' tal-banda speċifikati tal-modulazzjoni ta' Frekwenza tar-Radju" (3A002D5), software iddisinjat biex jirrestawra t-tħaddim ta' mikrokompjuters/mikroproċessuri wara Polz Elettromanjetiku (EMP) jew Interruzzjoni minħabba Rilaxx Elettrostatiku (ESD) (3D005) għall-maskri u retikoli ddisinjati għal sensuri ottiċi (6B002), u għal pjattaformi tal-lanċjaturi (9A004g). Min-naħa l-oħra, tneħħi l-kontroll fuq it-teknoloġija għas-saldatura ta' diffużjoni għal komponenti ta' magni b'turbini tal-gass (9e003a7) u tintroduċi noti ta' dekontroll ġodda għal materjali b'"fowms b'ċelloli miftuħa" li jassorbu l-mewġ elettromanjetiku (1C001) kif ukoll għal oġġetti tas-"sigurtà tal-informazzjoni" mfassla apposta għal "applikazzjoni tal-industrija ċivili konnessa" (5A002). Il-lista ta' kontroll tal-UE tal-2019 tinkorpora wkoll bidliet fil-kontrolli fuq għodod tal-magni tal-gerijiet (2B003), Konvertitur minn Diġitali għal Analogu (3A001a5b) u kontroll tal-maskri b'ħafna saffi (3B001h) kif ukoll għal idrofoni li joperaw aktar minn 1 000 m (6A001a2a6), vetturi sommerġibbli taħt l-ilma (8A001c) u għal magni ta' detonazzjoni (9A111).

Ġiet ippubblikata "Nota Komprensiva tal-Bidla" bħala gwida li tipprovdi ħarsa ġenerali tal-bidliet tekniċi kollha li saru fil-Lista ta' Kontroll tal-UE tal-Użu Doppju tal-2019⁶. Il-Lista ta' Kontroll aġġornata u kkonsolidata tal-UE bdiet tapplika fil-31 ta' Diċembru 2019, sabiex b'hekk l-UE setgħet tkun konformi mal-impenji internazzjonali tagħha fir-rigward tal-kontrolli tal-esportazzjoni, u appoġġat il-kompetittività tal-esportaturi tal-UE meta l-parametri ta' kontroll ġew aġġustati għall-iżviluppi teknoloġiċi.

Pjanijiet ta' kontinġenza għall-Brexit

Fil-25 ta' Marzu 2019, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew adottaw ir-Regolament (UE) 2019/496 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 billi tingħata awtorizzazzjoni ġenerali tal-Unjoni ta' esportazzjoni fir-rigward ta' ċerti oġġetti b'użu doppju mill-Unjoni lejn ir-Renju Unit⁷. Din l-emenda kienet tiffirma parti minn pakkett ta' miżuri taħt pjan ta' kontinġenza fil-każ li ma jkunx hemm ftehim għal ċerti setturi biex jittaffew ir-riskji tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea. Madankollu, dan spiċċa sar għalxejn b'riżultat tar-ratifika tal-Ftehim dwar il-ħruġ.

⁴ https://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2019/december/tradoc_158495.pdf

⁵ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2199 tas-17 ta' Ottubru 2019, ĠU L 338, 30.12.2017, p. 1.

⁶ In-Nota Sommarja tinsab fuq: https://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2019/october/tradoc_158393.pdf

⁷ ĠU L 85, 27.03.2019, p. 1.

2.3 Miżuri nazzjonali ta' implimentazzjoni u infurzar

Miżuri ta' implementazzjoni

Ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha, iżda jipprevedi li l-Istati Membri jieħdu ċerti miżuri għall-implimentazzjoni ta' dispożizzjonijiet speċifiċi, kif ukoll li l-informazzjoni dwar dawk il-miżuri għandha tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. In-Nota ta' Informazzjoni tal-2016⁸ tipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-miżuri meħuda mill-Istati Membri inkluż, fost l-oħrajn, l-estensjoni tal-kontrolli tas-sensurija u tat-tranżitu, l-estensjoni tal-kontrolli għal oġġetti mhux elenkati għal raġunijiet ta' sigurtà pubblika u kunsiderazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem, l-introduzzjoni ta' awtorizzazzjonijiet ġenerali nazzjonali għall-esportazzjoni, l-applikazzjoni ta' kontrolli tat-trasferiment intra-UE għal oġġetti mhux elenkati, kif ukoll informazzjoni relatata mal-awtoritajiet kompetenti.

Fl-2019, ġew irrapportati miżuri ġodda mill-Istati Membri: Franza introduċiet liċenzja ġenerali nazzjonali għall-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju għat-tiswija ta' inġenji tal-ajru ċivili, filwaqt li r-Renju Unit aġġorna seba' liċenzji ġenerali miftuħa ta' esportazzjoni u liċenzja miftuħa waħda ġenerali ta' trasbord biex tirrifletti l-bidliet fil-lista tal-UE ta' kontroll tal-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju. Barra minn hekk, fl-24 ta' Settembru 2019 ir-Renju Unit ippubblika gwida dwar il-kontrolli tal-esportazzjoni: oġġetti b'użu doppju, software u teknoloġija, oġġetti għat-tortura u sorsi radjuattivi .

Miżuri ta' infurzar

L-Artikolu 24 tar-Regolament jistipula li “Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri adatti biex jassigura l-infurzar adatt tad-dispożizzjonijiet kollha ta' dan ir-Regolament. B'mod partikolari, huwa għandu jistabbilixxi l-pieni applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jew ta' dawk adottati għall-implimentazzjoni tiegħu. Dawk il-pieni għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissuażivi”. L-Artikolu 25(3)(e) jeżiġi li r-rapport tal-Kummissjoni jkun jinkludi taqsima speċjali li tittratta “l-miżuri meħuda mill-Istati Membri skont l-Artikolu 24 u notifikati lill-Kummissjoni skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu”. Ġiet ippubblikata lista ta' miżuri nazzjonali ta' infurzar flimkien mar-Rapport Annwali dwar il-Kontroll tal-Esportazzjoni tal-2019⁹ u għadha valida.

3. ATTIVITAJIET TAL-GRUPP TA' KOORDINAZZJONI DWAR OĠĠETTI B'UŻU DOPPJU

L-Artikolu 23(3) tar-Regolament jirrikjedi li l-“Kummissjoni għandha tibgħat rapport annwali lill-Parlament Ewropew dwar l-attivitajiet, l-eżaminazzjonijiet u l-konsultazzjonijiet tal-Grupp ta' Koordinazzjoni dwar l-Użu Doppju” (DUCG) li jlaqqa' flimkien esperti mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri sabiex jeżaminaw kwalunkwe kwistjoni li tikkonċerna l-applikazzjoni ta' kontrolli fuq l-esportazzjonijiet bl-għan li prattikament itejbu l-konsistenza u l-effikaċja tagħhom fl-UE kollha. Barra minn hekk, l-Artikolu 25(3)(a) iżid li “taqsimiet speċjali tar-

⁸ ĠU Ċ 304, 20.8.2016, p. 3.

⁹

<https://ec.europa.eu/transparency/regdoc/index.cfm?fuseaction=list&n=10&adv=0&coteId=1&year=2019&number=562&version=F&dateFrom=&dateTo=&serviceId=&documentType=&title=&titleLanguage=&titleSearch=EXACT&sortBy=NUMBER&sortOrder=DESC#>

rapport għandhom jittrattaw il-Grupp ta' Koordinazzjoni dwar l-Użu Doppju u l-attivitajiet tiegħu".

Id-DUCG kellu seba' laqgħat matul il-perjodu ta' rapportar, u b'hekk ikkonferma l-funzjoni tiegħu bħala forum ta' konsultazzjoni għal għadd ta' kwistjonijiet topiċi deskritti hawn.

3.1 Konsultazzjonijiet dwar kwistjonijiet ta' implimentazzjoni - skambju ta' informazzjoni ġenerali


Id-DUCG wettaq *skambji ta' informazzjoni ġenerali dwar kwistjonijiet ta' kontroll tal-esportazzjonijiet*, inkluż b'appoġġ għall-modernizzazzjoni tal-kontrolli tal-esportazzjonijiet tal-UE. Id-DUCG wettaq skambju ta' informazzjoni dwar il-penali u s-sanzjonijiet fl-2019, u, b'riżultat ta' dan, ippubblika ħarsa ġenerali lejn il-miżuri nazzjonali ta' infurzar bħala anness tar-Rapport Annwali tal-2019 dwar il-Kontroll tal-Esportazzjoni.

Id-DUCG skambja informazzjoni rigward il-*miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali* u avvanza t-tnejn għall-aġġornament tan-Nota ta' Informazzjoni fl-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Id-DUCG analizza l-metodoloġija u l-approċċ għall-iskambju tad-data, u wettaq *eżerċizzju ta' ġbir ta' data dwar il-ħruġ tal-liċenzji* fuq id-data tal-2018 sabiex itejjeb l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri – b'mod partikolari rigward il-ġbir ta' data taħt awtorizzazzjonijiet ġenerali u globali ta' esportazzjoni – u sabiex iżid it-trasparenza pubblika dwar il-kontrolli tal-UE fuq l-esportazzjonijiet għal użu doppju (intużat id-data aggregata tal-UE għall-2018 fit-tnejn ta' dan ir-rapport annwali).

Fid-dawl tad-dibattitu rigward il-kontroll tal-oġġetti ta' sorveljanza ċibernetika, id-DUCG wettaq *skambju ta' informazzjoni dwar l-applikazzjoni tal-kontrolli fuq it-teknoloġiji ta' sorveljanza ċibernetika* fl-2018. Il-“Grupp ta' Esperti dwar it-Teknoloġija tas-Sorveljanza” (“STEG”) kompli jipprovdi forum għall-iskambju ta' informazzjoni *ad hoc* iżda ma ltaqax fl-2019. Id-data miġbura mill-Istati Membri turi tnaqqis fl-għadd ta' liċenzji (131 liċenzja fl-2018 kif muri fit-tabella ta' hawn taħt). Fl-istess perjodu, inħarġu 27 każda għal oġġetti ta' sorveljanza ċibernetika¹⁰.

¹⁰ Fl-2018 ħarġu 23 każda għal tagħmir ta' interċettar jew disturbazzjoni tat-telekomunikazzjoni mobbli (5A001.f), 2 għas-sistemi ta' sorveljanza tal-komunikazzjoni tan-netwerk bi Protokoll tal-Internet (IP) (5A001.j) u 2 għas-software ta' intrużjoni (4A005 et al).



3.2 Skambju tekniku ta' informazzjoni — kwistjonijiet ta' implimentazzjoni

- *Appoġġ għat-tħejjija ta' aġġornamenti għal-lista ta' kontroll tal-UE*

Id-DUCG ġie kkonsultat dwar il-Lista ta' Kontroll tal-UE riveduta msemmija hawn fuq. L-esperti nazzjonali, kif ukoll osservaturi mill-Parlament Ewropew, attendew sessjoni speċjali tad-DUCG fis-16 ta' Mejju 2019 u taw preżentazzjonijiet li fihom enfasizzaw l-aktar tibdil importanti għal-Lista ta' Kontroll tal-UE.

- *Skambju ta' informazzjoni teknika dwar kwistjonijiet speċifiċi ta' implimentazzjoni*

Id-DUCG iddiskuta għadd ta' kwistjonijiet speċifiċi ta' implimentazzjoni fid-dawl ta' rapporti minn awtoritajiet kompetenti eż. rigward id-*data* tad-destinatarji u tal-utenti aħħarin dwar il-liċenzji tal-esportazzjoni u d-dikjarazzjonijiet doganali, l-iskambju ta' informazzjoni skont l-Awtorizzazzjonijiet Ġenerali tal-UE għall-Esportazzjoni (EUGEA), l-approċċi għall-identifikazzjoni ta' persuni sanzjonati involuti fl-esportazzjonijiet ikkontrollati, u l-identifikazzjoni ta' partijiet terzi – destinatarji u intermedjarji – fil-formola tal-liċenzja standard.

3.3 Linji gwida tal-UE dwar il-Kontrolli tal-Esportazzjoni ta' Oġġetti b'Użu Doppju

Id-DUCG waqqaf grupp ta' esperti tekniċi dwar l-iżvilupp ta' linji gwida dwar il-konformità għall-akkademja (Technical Expert Group on the development of compliance guidelines for academia, "TEG-DUR"). It-TEG-DUR ilha ta' darbtejn – fit-13 ta' Ġunju u fis-16 ta' Ottubru 2019 – u ppreżenta l-progress ta' xogħlu lill-partijiet ikkonċernati fil-Forum dwar il-Kontroll tal-Esportazzjoni fit-13 ta' Diċembru 2019.

3.4 L-iskambju elettroniku tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti

L-Artikolu 25(3)(b) jirrikjedi li l-Kummissjoni tirrapporta dwar "l-implimentazzjoni tal-Artikolu 19(4)" u "l-istadju milħuq fit-twaqqif tas-sistema sigura u kriptata għall-iskambju ta'

informazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni”. Il-Kummissjoni, appoġġata mid-DUCG, kompliet tiżviluppa s-Sistema Elettronika ta’ Użu Doppju (DUeS), sistema elettronika sigura u kriptata hhowstjata mill-Kummissjoni, maħsuba biex tappoġġa l-iskambju mtejjeb ta’ informazzjoni bejn l-awtoritajiet għall-kontroll tal-esportazzjoni u l-Kummissjoni. Matul l-2019, id-DUCG qabel fuq titjib speċifiku fid-DUeS u żviluppa funzjonalitajiet li jappoġġaw *in-notifiki taċ-ċaħdiet skont l-Artikolu 13(5) tar-Regolament u konsultazzjonijiet bilaterali bejn l-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 11 u l-Artikolu 13(5) tar-Regolament*. Saru aġġornamenti żgħar oħrajn għad-DUeS, pereżempju, f’Diċembru 2019, il-lista ta’ oġġetti fid-DUeS ġiet aġġornata biex tkun tirrifletti *l-aġġornament tal-2019 tal-lista ta’ kontroll tal-UE* skont ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2199.

Id-DUCG kompla wkoll jappoġġa, permezz ta’ Grupp ta’ Esperti Tekniċi, wkoll l-iżvilupp ta’ “pjattaforma elettronika għall-ħruġ tal-liċenzji” li għandha tintuża mill-awtoritajiet kompetenti fuq bażi volontarja. Il-grupp ta’ esperti tekniċi dwar il-ħruġ tal-liċenzji elettroniki ltaqa’ darbtejn – fit-18 ta’ Marzu u fl-14 ta’ Ottubru 2019 – u kompla jipprovdi l-appoġġ għall-“proġett pilota tal-ħruġ tal-liċenzji elettroniki”. Fi tmiem l-2019, il-“prototip tal-Front Office” u l-“prototip tal-Back Office” kienu lesti biex jiġu ttestjati mill-awtoritajiet kompetenti, u bdew diskussjonijiet taħt il-proġett “Certex” dwar l-integrazzjoni ta’ sistemi ta’ liċenzjar elektroniku tal-użu doppju mal-inizjattiva tat-Tieqa Unika doganali. L-Awtorità Kompetenti Belġjana tal-Wallonja saret il-5 awtorità li nġhaqdet mal-proġett pilota (flimkien mal-awtoritajiet kompetenti tal-Italja, tal-Latvja, tar-Rumanija u tal-Greċja). Il-proġett ġie ppreżentat lill-partijiet ikkonċernati fl-okkażjoni tal-Forum għall-Kontroll tal-Esportazzjoni fit-13 ta’ Diċembru 2019. Huwa skedat li l-pjattaformi ta’ liċenzjar elektroniku jibdeu jaħdmu f’dawn l-awtoritajiet kompetenti tul l-2020.

3.5 Grupp ta’ Esperti tal-UE dwar l-Użu Doppju

Fl-2019, il-Grupp ta’ Esperti tal-UE dwar l-Użu Doppju opera miċ-Ċentru Konġunt ta’ Riċerka (Joint Research Centre, JRC) tal-Kummissjoni u esperti pprovduti mill-Istati Membri komplew jappoġġaw lill-awtoritajiet kompetenti li talbu pariri tekniċi biex jappoġġaw il-valutazzjoni ta’ każijiet speċifiċi ta’ liċenzjar. B’kollox, ingħataw disa’ (9) pariri tekniċi dwar il-klassifikazzjoni tal-komoditajiet lil sitt (6) awtoritajiet kompetenti matul il-perjodu ta’ rappurtar.

3.6 Implimentazzjoni u infurzar

Id-DUCG skambja informazzjoni dwar l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-kontrolli. Skont id-*data* disponibbli, fl-2019, in-network tal-kontroll tal-esportazzjoni tal-UE – li jinkludi l-persunal fl-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-Kummissjoni – kien jikkonsisti minn aktar minn 450 membru tal-persunal. Fir-rigward tal-infurzar, fl-2018 ġew irreġistrati 218-il każ ta’ ksur tar-regolamenti dwar il-kontroll tal-esportazzjoni, filwaqt li ġew applikati 85 penali amministrattiva u 19-il piena kriminali mill-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi.

3.7 Bini tal-kapaċità

Fl-2019, id-DUCG appoġġa l-organizzazzjoni ta’ attività li saret bejn is-17 u d-19 ta’ Settembru 2019 f’Ispra (l-Italja), li kienet organizzata mill-JRC tal-Kummissjoni f’kollaborazzjoni mad-Dipartiment tal-Enerġija tal-Istati Uniti, u li kkombinat it-*12-il seminar*

tekniku JRC-NNSA¹¹ għall-awtoritajiet li joħorġu l-liċenzji u t-8 *Laqgħa ta' Analiżi tal-Progress tat-Taħriġ tal-Identifikazzjoni tal-Komoditajiet* għad-dwana, li kien jinkludi wkoll eżerċizzju konġunt ta' għoti ta' liċenzji doganali.

Il-JRC tal-Kummissjoni ppreżenta “Manwal għall-Kontroll tal-Esportazzjoni għas-Sustanzi Kimiċi” li jidentifika l-kodiċijiet ta' korrelazzjoni għas-sustanzi kimiċi (in-numru ta' klassifikazzjoni tal-kontroll tal-esportazzjoni, il-kodiċi doganali, in-numru u l-isem tas-sustanza kimika CAS¹²) skont diversi regolamenti kummerċjali tal-UE.

3.8 Trasparenza u djalogu mal-industrija u mal-akkademiċi

Id-DUCG appoġġa l-organizzazzjoni ta' “Forum ta' Kontroll tal-Esportazzjoni” fit-13 ta' Diċembru 2019 fi Brussell ma' assoċjazzjonijiet tal-industrija, kumpaniji ta' oġġetti b'użu doppju u organizzazzjonijiet ta' akkademiċi u tas-soċjetà ċivili biex jiddiskutu l-implimentazzjoni ta' kontrolli tal-esportazzjoni tal-UE u l-proċess leġislattiv għal modernizzazzjoni tal-kontrolli tal-esportazzjoni tal-UE. B'kollox, fl-2019, il-Kummissjoni u l-awtoritajiet kompetenti organizzaw jew ipparteċipaw f'aktar minn 205 attivitajiet ta' outreach mal-industrija.

Id-DUCG ħejja wkoll dokumentazzjoni biex tappoġġa l-implimentazzjoni tar-regolamenti mill-esportaturi. B'mod partikolari, “Sommarju tal-2019 ta' Nota Komprensiva tal-Bidla” tiġbor fil-qosor, għal skopijiet ta' informazzjoni, il-bidliet fit-test tal-kontroll fil-lista ta' kontroll tal-UE introdotta skont ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2199¹³.

4 KONTROLLI TAL-ESPORTAZZJONI TAL-UE - DATA EWLENJA

Huwa diffiċli li tinkiseb informazzjoni affidabbli dwar l-esportazzjonijiet kumplessivi ta' oġġetti b'użu doppju (inklużi oġġetti b'użu doppju mhux elenkati), minħabba li ma hemm l-ebda settur ekonomiku definit b'mod korrispondenti. Madankollu, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jiġbru *data* li tippermetti li jsiru estimi approssimattivi tal-esportazzjonijiet ta' oġġetti b'użu doppju abbażi, minn naħa waħda, ta' *data* speċifika dwar il-ħruġ tal-liċenzji miġbura mill-awtoritajiet kompetenti u, min-naħa l-oħra, ta' statistika għal komoditajiet doganali, li jinkludu oġġetti b'użu doppju. L-istimi tad-*data* tal-esportazzjoni tal-2018 huma ppreżentati hawn taħt. Għandu jiġi nnutat li l-estimi ppreżentati minn hawn 'il quddiem ma jinkludux servizzi u trasferimenti intanġibbli ta' teknoloġija assoċjati mal-kummerċ ta' oġġetti b'użu doppju.

4.1 Kummerċ tal-UE tal-oġġetti b'użu doppju: oġġetti u destinazzjonijiet

Fl-2019, ir-Regolament primarjament applika għall-esportazzjoni ta' madwar 1 858 oġġett b'użu doppju elenkati fl-Anness I (“il-Lista ta' Kontroll tal-UE”) u kklassifikati f'10 kategoriji (Figura 1). Dawn l-oġġetti b'użu doppju huma relatati ma' madwar 1 000 komodità doganali, inklużi sustanzi kimiċi, metalli u prodotti minerali mhux metalliċi, kompjuters, prodotti elettroniċi u ottiċi, tagħmir elettriku, makkinarju, vetturi u tagħmir tat-trasport eċċ., u tipikament jaqgħu fil-parti tat-teknoloġija avvanzata f'dan il-qasam kbir ta' komoditajiet imħallta.

¹¹ In-National Nuclear Security Administration (NNSA) hija parti mid-Dipartiment tal-Enerġija tal-Istati Uniti.

¹² In-numru CAS huwa numru uniku applikat għal sustanza kimika speċifika mill-Chemical Abstracts Service (CAS).

¹³ https://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2019/october/tradoc_158392.pdf




Figura 1: L-għadd ta' entrati b'użu doppju elenkati fl-10 Kategoriji tal-Anness I wara l-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2019/2199.

Stimi statistiċi dwar l-importanza relattiva tal-kummerċ ta' oġġetti b'użu doppju jindikaw li l-esportazzjonijiet ta' oġġetti b'użu doppju jirrappreżentaw madwar 3 % tal-esportazzjonijiet totali tal-UE (kemm fl-UE kif ukoll barra minnha), f'“qasam tal-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju” wiesa'¹⁴ ta' komoditajiet doganali li jistgħu jinkludu, fi gradi differenti, ċerti oġġetti b'użu doppju (Figura 2).




Figura 2: Stimi statistiċi ta' esportazzjoni b'użu doppju fl-UE jew barra minnha.

¹⁴ Il-metodoloġija statistika żviluppata miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni tuża tabella ta' korrelazzjoni, żviluppata mid-DĠ TAXUD, bejn in-numri ta' klassifikazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju u l-kodiċijiet doganali u d-data COMEXT tal-Eurostat, kif ukoll id-data ta' liċenzjar. L-idea ta' qasam tal-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju tirreferi għal qasam kbir u mħallat ta' komoditajiet li jinkludi oġġetti b'użu doppju. Il-kummerċ ta' oġġetti b'użu doppju jseħħ fi ħdan dan il-qasam ta' komoditajiet, iżda mhuwiex identiku għalih, peress li mhux il-komoditajiet kollha fil-qasam tal-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju tassew għandhom użu doppju.

L-estimi statistiċi juru wkoll id-destinazzjonijiet ewlenin tal-esportazzjoni u jindikaw li parti kbira mill-esportazzjonijiet ta' oġġetti b'użu doppju huma diretti lejn pajjiżi elenkati fl-Awtorizzazzjonijiet Ġenerali tal-Unjoni għall-Esportazzjoni (EUGEAs). Il-pajjiżi tad-destinazzjoni jirriflettu l-istruttura tas-suq tal-esportazzjoni tal-UE fil-komoditajiet rilevanti, kif ukoll il-faċilitazzjoni tal-kummerċ skont l-EUGEAs (il-Figuri 3 u 4)¹⁵.




Figura 3: Stim ta' esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju tal-UE: l-ewwel 25 pajjiż destinatari ta' esportazzjoni u s-sottoreġjuni tagħhom fl-2018.

¹⁵ "Ħażniet u provvisti extra" huma definiti bħala l-kunsinna ta' ħażniet tal-bastimenti u tal-inġenji tal-ajru. "Mixxellanġi –pajjiżi mhux speċifikati extra" tinkludi pajjiżi u territorji mhux speċifikati fil-qafas tal-kummerċ ma' pajjiżi terzi (jiġifieri dawn il-kodiċijiet is-soltu jintużaw għal oġġetti kkunsinjati għal installazzjonijiet offshore).




Figura 4: Stimu ta' esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju tal-UE: il-pajjiżi tad-destinazzjoni skont ir-reġjuni u s-sottoreġjuni fl-2018.

4.2. Kontroll tal-kummerċ tal-UE tal-oġġetti b'użu doppju: Applikazzjonijiet, liċenzji, ċaħdiet

Fid-dawl tal-Artikolu 19(2), li jistipula li “l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha adatti biex ikunu stabbiliti kooperazzjoni u skambju ta' informazzjoni diretti bejn l-awtoritajiet kompetenti bil-ħsieb li tissaħħaħ l-effiċjenza tar-reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjoni”, id-DUCG skambja *data* u informazzjoni dwar il-ħruġ tal-liċenzji sabiex itejjeb il-fehim tal-kontrolli tal-esportazzjoni u l-effett ekonomiku tagħhom. Xi *data* miġbura għall-perjodu ta' rapportar hija rrappurtata hawn taħt; madankollu, ta' min jinnota li mhux l-Istati Membri kollha jiġbru d-*data* kollha. L-informazzjoni pprovduta hawn isfel għalhekk tirrappreżenta stimu approssimattivi ta' kwantitajiet aggregati u l-valuri fil-limiti tad-*data* pprovduta mill-Istati Membri.

Il-valur totali¹⁶ tal-applikazzjonijiet laħaq il-EUR 50,7 biljun u, b'hekk, l-esportazzjonijiet ikkontrollati ta' oġġetti b'użu doppju kienu jirrappreżentaw 2,6 % tal-esportazzjonijiet totali minn barra l-UE. Il-kummerċ awtorizzat ta' oġġetti b'użu doppju kien jammonta għal EUR 41,5 biljun, li kien jirrappreżenta 2,1 % tal-esportazzjonijiet totali minn barra l-UE, b'maġġoranza tat-tranżazzjonijiet awtorizzati taħt liċenzji individwali (madwar 25 349 liċenzja maħruġa fl-2018) u liċenzji globali (bil-valur tagħhom). Porzjon żgħir biss tal-esportazzjonijiet ġie fil-fatt miċħud: inħarġu 791 ċaħda fl-2018, li jirrappreżentaw madwar 0,69 % tal-valur tal-esportazzjonijiet kontrollati ta' oġġetti b'użu doppju f'dik is-sena, u 0,02 % tal-esportazzjonijiet barra mill-UE totali.

¹⁶ Din iċ-ċifra tinkludi l-valur tan-notifiki u l-applikazzjonijiet tal-liċenzji skont l-Awtorizzazzjonijiet Ġenerali tal-Esportazzjoni.




Figura 5: Volum (għadd) ta' awtorizzazzjonijiet u ċaħdiet fl-2014-2018¹⁷.




Figura 6: Valur (miljuni ta' EUR) ta' awtorizzazzjonijiet u ċaħdiet fl-2014-2018.

¹⁷ Fil-Figuri 5 u 6, id-data ta' "Applikazzjonijiet" tinkludi kull applikazzjoni għal liċenzji, inklużi notifiki skont awtorizzazzjonijiet ġenerali, u b'hekk tagħti indikazzjoni ta' "esportazzjonijiet ikkontrollati", jiġifieri l-valur ta' esportazzjonijiet barra l-UE soġġetti għal proċess ta' awtorizzazzjoni. F'każijiet fejn ma tkun disponibbli l-ebda data tal-applikazzjoni, il-grafiki jużaw data tal-awtorizzazzjoni bħala stima għad-data tal-applikazzjoni. Data tal-"awtorizzazzjonijiet" tirreferi għal esportazzjonijiet ta' oġġetti b'użu doppju awtorizzati skont liċenzji individwali u globali. Ta' min jinnota li l-applikazzjonijiet ma jikkorrispondux neċessarjament mas-somma tal-awtorizzazzjonijiet u ċ-ċaħdiet, minħabba li għadd ta' applikazzjonijiet jistgħu jiġu kkanċellati u xi applikazzjonijiet jistgħu ma jiġux iffinalizzati fl-istess sena. "Ċaħdiet" tirreferi għall-volum u l-valur ta' esportazzjonijiet miċħuda.

Volum tal-Esportazzjoni Awtorizzat skont it-Tip ta' Liċenzja fl-2018




Figura 7: Il-volum (l-għadd) ta' awtorizzazzjonijiet għal kull tip ta' liċenzja fl-2018.

Valur tal-Esportazzjoni Awtorizzat skont it-Tip ta' Liċenzja fl-2018




Figura 8: Valur (miljuni ta' EUR) ta' awtorizzazzjonijiet skont it-tip fl-2018.

5. KONKLUŻJONIJIET

Il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jieħdu nota ta' dan ir-rapport fil-kuntest tat-tħaddim tajjeb min-naħa tal-Kummissjoni tas-setgħa delegata mir-Regolament.